MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 323/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Roland Cassar)**
**Vs**
**Paul Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn l-ahhar xhur, fil-Landrijiet, l/o Rabat, naqas li jobdi l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati, sabiex iwaqqa' bini llegali (fil-fond "Pegasus", Landrijiet, l/o Rabat) fi zmien tlett xhur mis-sentenza li nghatat mill-istess Qorti fit-12 t'April, 1994.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Settembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 63(2) provisos (i) u (ii) ta' l-Att Numru 1 tas-sena 1992, l-artikoli 16, 17 u 17(8)(5) tal-Kap. X tal-Ligijiet ta' Malta li tahthom kien misjub hati l-

appellant fis-sentenza tat-12 t'April, 1994, u li ghadhom iregu ghal dawn il-proceduri stante l-artikolu tranzitorju msemmi, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu ghax, kif irrizulta mix-xhieda, naqas li jottempera ruhu mas-sentenza msemmija w ikkundannatu jhallas il-penali mitluba fic-citazzjoni w li tammonta ghal LM107,625 (mija w sebat elef sitt mija w hamsa w ghoxrin Lira Maltija).
Ai fini tas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 17 tal-Kap X, il-Qorti ddikjarat li l-multa hija dejn civili w ghandha tithallas lid-Dipartiment tax-Xogholijiet.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Settembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tillibera lill-appellant mill-unika akkuza dedotta kontra tieghu; minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tapplika l-penali korrettement.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma, fil-qosor, is-segwenti w cioe' :- 1. In-nullita' tas-sentenza appellata peress li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tinfliggi piena kif indikata; 2, in-nullita' tal-proceduri fit-totalita' taghhom ghax id-difiza qatt ma nghatat l-oportunita' li tressaq il-provi taghha; 3. Li l-appellant qatt ma seta' jigi misjub hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu ghax ma saritx il-prova tal-identita' tal-akkuzat kif suppost isir u cioe' billi jixhed l-Ispettur li kien mexxa l-ewwel kawza kontra l-appellant u 4. Li, bla pregudizzju ghall-ewwel tlitt aggravji, l-mod kif l-Ewwel Qorti kkalkolat il-penali huwa wkoll zbaljat ghax ghazlet l-aghar xenarju w baqghet sejra tikkalkola anki periodi fil-mori tal-kawza, mentri l-Ewwel Qorti, se mai, jmissha kkalkolat il-penali mit-13 t' April, 1994 sal-15 ta' Mejju, 1995 cioe' d-data meta l-Prosekuzzjoni harget l-akkuza. Invece l-Ewwel Qorti baqghet tiehu in konsiderazzjoni fatti li allegatament kienu qed isehhu wara l-hrug tal-akkuzi.

Ghalhekk il-penali qatt ma setghu jkunu oltre s-somma ta' disat elef, disa mija u hamsa w ghoxrin lira (LM9,925) u mhux is-somma astronomika li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-1 ta' Novembru, 2007, li bih Dr. Edward Gatt, ghall-appellant, iddikjara li kien qed jirrinunzja ghall-aggravju li l-appellant ma nghatax l-opportunita' li jgib il-provi, ghax provi m' ghandux u li bih kien qed jillimita l-appell tieghu ghar-raba' aggravju.

Rat in-Nota tal-Avukat Tererali tat-2 ta' Novembru, 2007, li biha ghamel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Schembri"** [29.3.1958] u l-atti pendenti tal-appell **"Il-Pulizija vs. Jude Taddeus sive Teddy Rapa" .**

Semghet it-trattazzjoni;

Illi, ghall-kull buon fini, din il-Qorti thoss li ghandha temfasizza li t-tielet aggravju, (li gie rtirat mill-appellant) f' kull kaz kien ikun bla bazi legali ghaliex f' kawzi ta' din ix-xorta ma hemmx ghalfejn li ssir il-prova tal-identita' billi jitla' jixhed l-Ispettur li jkun l-Ufficjal Prosekutur fil-kawza li tkun giet deciza precedentement. Bizzejjed li biex tigi stabbilita' li l-identita' tal-imputat odjern tkun dik tal-persuna involuta fis-sentenza precedenti, li jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-konnotati taz-zewg persuni ikunu l-istess.(ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [24.2.2003], **"Il-Pulizija vs. Francis Chetcuti"** [12.5.2003] u ohrajn).

F' dan il-kaz dan jirrizulta abbondantement jekk wiehed jikkompara l-konnotati tal-appellant li jidhru fil-komparixxi a fol. 1 tal-process ma dawk tal-imputat fil-kawza precedenti li jidhru fil-kopja legali ta' dik is-sentenza li tinsab a fol. 9 tal-process. Di fatti, l-isem, l-kunjom, il-paternita', l-maternita' u, fuq kollox, in-numru tal-karta tal-identita', li hija l-aktar prova determinanti, huma identici. L-unika differenza hija l-eta' w dan ghal ragunijiet ovvji ghaliex sakemm harget it-tieni citazzjoni - dik odjerna - kienu ghaddew sentejn. L-indirizz differenti fit-tieni

citazzjoni wkoll ma jistax johloq preokkupazzjoni f' mohh il-gudikant ghaliex dan hu proprju l-indirizz tal-fond li l-appellant kien gie kkundannat u ordnat li jwaqqa' bl-ewwel sentenza. Ghalhekk dan l-aggravju hu manifestament infondat u qed jigi respint.

Illi fir-rigward tar-raba' aggravju li l-appellant illimita l-appell tieghu fuqu, jidher li l-appellant ghandu ragun. Bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 t' April, 1994, l-appellant odjern kien instab hati li kien ghamel jew gieghel jew halla jsir xi xoghol tal-bini, fil-post maghruf "Ta' Triq tal-Fiskal, fl-Andrijiet, limiti tar-Rabat, meta ma kellux permess mehtieg tal-P.A.P.B.  jew ma harisx jew ma zgurax li jigu mharsa l-kondizzjonijiet imposti fil-permess, meta jkun hemm permess, u gie kundannat ghall-multa ta' LM75 u gie ordnat sabiex fi zmien tlitt xhur jew jottempera ruhu mal-ligi jew iwaqqa' l-imsemmija kostruzzjoni taht penali ta' LM25 kuljum fin-nuqqas.

Evidentement l-appellant ma ottemperax ruhu ma din l-ordni u allura fl-10 ta' Mejju, 1995, il-Pulizija Ezekuttiva harget komparixxi (fol. 1) fejn hu gie akkuzat li naqas li jobdi l-ordni tal-Qorti bis-sentenza fuq riferita. Kif jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Jonathan Orlando tal-20 ta' Gunju, 2005, (fols.24 u 25 tal-process) l-istat ta' illegalita' kien ghadu jippersisti sa dak in-nhar u baqa' hekk sa meta kien qed jixhed Ray Scicluna, Enforcement Officer, fl-24 t' April, 2006 (Fol. 28 u 29).

Issa, jekk kellha tibda tiddekorri xi penali giornaliera, dan kien b' effett minn tlitt xhur wara d-data tal-ewwel sentenza w cioe' mit-12 ta' Lulju, 1994 u mhux mid-data tas-sentenza innifisha. L-appellant jikkontedi li tali penali ma kellhiex tibqa' tigi kalkolata sad-data tas-sentenza fil-process - esageratament twil, in gran parti dovut ghad-differimenti mitluba mil-istess appellant ghax kien ikollu talbiet pendenti ghall-*sanctioning* quddiem l-Awtorita' - tat-tieni kawza imma li kellha tigi kalkolata biss sad-data meta harget ic-citazzjoni w cioe' sal-10 ta' Mejju, 1995.

Ikkonsidrat;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-htija mertu ta' din il-kawza hija ovvjament dik li tirrizulta sad-data meta l-prosekuzzjoni hadet l-inizjattiva li tohrog it-tieni citazzjoni w zgur li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiehu in konsiderazzjoni fatti li graw wara l-hrug tal-akkuza anki jekk dawn jikkonsistu fl-ipperpetwar tal-istato di fatto u tal-istess stat ta' illegalita'. Se mai, jekk l-istat tal-illegalita' baqa' - kif jidher li baqa' - jippersisti wara l-hrug tat-tieni citazzjoni, ma kien hemm xejn xi jzomm lill-istess Prosekuzzjoni milli periodikament terga tohrog citazzjonijiet ulterjuri ghall-periodu jew periodi sussegwenti sakemm l-illegalita' tippersisti. F' dal-kaz, trattandosi ta' reat ta' natura permanenti ("continuing offence"), iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda' mill-jum li fiha ma tibqax il-permanenza tar-reat skond l-art. 691 (1) tal-Kodici Kriminali, ghalhekk ma kienx hemm perikolu li l-azzjoni tigi dikjarata preskritta.

Jekk is-sentenza ta' **Joseph Schembri** (supra) citata mill-Avukat Generali fin-nota tieghu fuq imsemmija tista' tindika xi haga b' rilevanza ghal din il-kawza, dan hu proprju li din il-Qorti kienet ikkonfermat sentenza fejn l-appellant kien instab hati w kundannat ihallas penali sa meta kienet inharget ic-citazzjoni u mhux ukoll penali ulterjuri inkorsa fil-mori tat-tieni kawza. Di fatti din il-Qorti kienet ikkonfermat is-sentenza li kienet tghid *"salva penali futuri"* u cioe' oltre dawk li kienu gew mitluba fic-citazzjoni.

Il-kwistjoni quddiem il-Qorti fil-kawza l-ohra "**Il-Pulizija vs. Jude Thaddeus sive Teddy Rapa"** hi ghal kollox differenti minn dik quddiem din il-Qorti u ghalhekk ma tistax tghin fis-solzzjoini ta' dan l-aggravju.

Konsegwentement il-penali li seta' jigi kundannat ghaliha l-appellant f' din il-kawza - u dan assolutament bla pregudizzju ghall-xi penali ulterjuri - kellha tkun dik li ddekorriet sad-data meta harget l-akkuza w cioe' l-10 ta' Mejju, 1995. Kwindi il-penali f' din il-kawza kellha tigi kalkolata ghab-bazi tat-tlitt mija w jumejn li ghaddew bejn it-12 ta' Lulju, 1994 u l-10 ta' Mejju, 1995, li bir-rata ta' LM25 kulljum tammonta ghal total ta' sebat elef, hames

mija u hamsa w ghoxrin lira Maltija (LM7550), u mhux LM9925 kif issottometta l-appellant fir-rikors tieghu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w tirrevokaha fejn ikkundannatu jhallas penali ta' mija w sebat elef, sitt mija u hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM107,625) u minnflok - assolutament bla pregudizzju ghal xi penali ulterjuri li tista' talvolta tigi dikjarata dovuta mill-appellant ghall-periodi sussegwenti sat-tmien tal-permanenza tar-reat - tikkundannah ihallas penali ta' sbatax il-elf, hames mija w disgha w sebghin Ewro w sebgha w sebghin centezmu (Eur.17,579.77), ekwivalenti ghall-sebat elef, hames mija w hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM7525) li, ghall-fini tal-art.17(8) tal-Kap.10 tal-Ligijiet ta' Malta (kif kien applikabbli fiz-zmien tas-sentenza tat-12 t' April, 1994 u kif baqa' in vigore skond l-art.63(1)(2) u (4) tal-Att numru I tas-sena 1992, kif emendat), hija dejn civili li ghandha tithallas lid-Dipartiment tax-Xogholijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------